# Il-kordinament internazzjonali

FIL-ARTIKLU tiegħi ta' ħmistax ilu, tajt ħarsa lejn il-qasam tal-kordinament internazzjonali, u semmejt il-benefiċċji li wieħed jista' jikseb taħt ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà soċjali u kif jista' jiksibhom.

Dakinhar tkellimt dwar il-ħaddiema stazzjonati, immigrati jew ta' fuq il-fruntieri, il-benefiċċju għall-qgħad, il-benefiċċju għall-mard, il-benefiċċju għall-maternità u l-benefiċċju għall-korriment fuq ix-xogħol jew mard ikkawżat mix-xogħol.

Illum, se ntemm il-ħarsa tiegħi lejn dan il-qasam li issa assuma importanza mhux żgħira bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt dan l-artiklu se jkun qed iġibni fi tmiem ta' dawn is-sensiela ta' artikli ta' tagħrif dwar is-sigurtà soċjali li kienu ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar sena u nofs.



## Kordinament internazzjonali

L-ewwelnett infakkar li bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-kordinament internazzjonali tas-sigurtà soċjali qed isir primarjament bis-saħħa tar-Regolamenti (KE) 883/04 u (KE) 987/09, li joperaw fuq bażi multilaterali.

It-tieni, dawn ir-regolamenti naturalment japplikaw għall-IStati Membri kollha tal-UE li huma l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Isvezja, ir-Renju Unit (inkluża Ġibiltà). Għalkemm m'humiex Stati Membri tal-UE, dawn ir-regolamenti japplikaw ukoll għall-Iżlanda, in-Norveġja, Liechtenstein u l-Iżvizzera.

U t-tielet infakkar li dawn ir-regolamenti joperaw bis-saħħa tat-tħaddim ta' ħames prinċipji ewlenin. Dawn il-prinċipji fundamentali huma:

1. Totalizzazzjoni (jew aggregazzjoni): Dan il-prinċipju jgħin lil persuna li tilħaq il-perjodu minimu ta' assigurazzjoni li għandha bżonn f'xi skema ta' pajjiż biex tikkwalifika għal xi benefiċċju jew aktar f'pajjiż ieħor. Dan isir billi jkunu magħduda l-perjodi ta' assigurazzjoni u/jew impjieg f'pajjiżi differenti. Naturalment dan japplika biss għal dawk il-pajjiżi li jkunu marbutin bi ftehim bilaterali jew multilaterali (ara wkoll punt 5);

2. Portabilità: Ftehim bilaterali jew multilaterali jassigura li l-pensjonijiet jitħallsu anke barra l-pajjiż. Mela bħalma persuna li għandha dritt li titħallas il-pensjoni minn Malta din tirċeviha anke jekk ma tkunx qed tgħix Malta, l-istess isir mill-pajjiż l-ieħor jew il-pajjiżi l-oħrajn li miegħu jew magħhom ikun hemm ftehim.

3. Il-leġislazzjoni applikabbli: Ftehim bħal dan jistabbilixxi wkoll liema għandha tkun il-leġislazzjoni applikabbli f'każi fejn persuna kienet jew qiegħda taħdem f'pajjiż iżda tgħix f'ieħor. Allura dan jirregola f'liema pajjiż għandhom, bħala eżempju, jitħallsu l-kontribuzzjonijiet biex ma jkunx hemm ħlas doppju għall-istess impjieg. Jistabbilixxu wkoll f'liema ċirkostanzi jitħallsu l-benefiċċji u mil-liema pajjiż.

4. Trattament ugwali: Ftehim bħal dan, biex jitħaddem sew, jiggarantixxi li l-persuni li jgħixu f'pajjiż firmatarju tal-ftehim jiġu ttrattati l-istess bħal dawk li jgħixu fil-pajjiż l-ieħor firmatorju u viċi-versa fl-aspetti kollha tas-sigurtà soċjali li jkunu stipulati fl-istess ftehim.

5. Drittijiet pro-rata: Bħala strument legali, ftehim bħal dan jiddefenixxi l-mod kif il-pajjiżi marbutin bih iħallsu l-benefiċċji u b'liema rati (pro-rata). Dawn jiġu applikati l-aktar meta persuna ma jkollhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza f'pajjiż wieħed biex tibbenefika minn xi benefiċċju jew pensjoni f'dak il-pajjiż u jkollha tirrikorri għal kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li jkollha f'pajjiż ieħor jew aktar bis-saħħa tal-prinċipju tat-totalizzazzjoni (ara wkoll punt 1). Għalhekk meta persuna ma jkollhiex biżżejjed kontribuzzjonijiet jew perjodi ta' assigurazzjoni f'pajjiż il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza li l-persuna jkollha fit-tieni pajjiż (jew aktar) jitqiesu daqs li kieku kienu fl-ewwel pajjiż u jiġu magħduda flimkien. L-ewwel pajjiż imbgħad jistabbilixxi r-rata proprja fuq bażi pro-rata li tkun proporzjonali skont il-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza fl-ewwel pajjiż imqabbla mal-kontribuzzjonijiet, perjodi ta' assigurazzjoni jew residenza totali fiż-żewġ pajjiżi. F'dan il-każ it-tieni pajjiż jagħmel l-istess u jħallas il-parti tiegħu wkoll.

Il-prinċipju tal-pro-rata japplika l-aktar għall-pensjonijiet. Ħa naraw fil-qosor u kif u xi proċedura wieħed irid isegwi f'dan ir-rigward.

## Pensjoni għall-irtirar

Kull Stat Membru li fih wieħed ikun ħallas l-assigurazzjoni (fil-każ ta' Malta kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) marbuta mal-Pensjoni tal-Irtirar, jeżamina l-assigurazzjoni skont l-iskema tiegħu u jaħdem l-ammont ta' pensjoni li jkun imissu. Sakemm wieħed ikun osserva r-regoli kkonċernati, wieħed jista' jirċievi pensjoni mingħand kull wieħed mill-IStati Membri fejn ikun ħallas l-assigurazzjoni.

Kull Stat Membru iżda jeżamina wkoll kwalunkwe assigurazzjoni li jista' jkollu individwu fi Stat Membru ieħor. Dan jista' jgħinu biex jirċievi pensjoni taħt l-iskema ta' dak l-IStat partikolari wkoll. Biex dan iseħħ, kull Stat Membru jibgħat id-dettalji tad-dokumenti tal-assigurazzjoni tiegħu lill-IStati Membri l-oħra. Imbagħad, kull Stat Membru jaħdem l-ammont li għandu jħallas. Dan jagħmluh b'żewġ modi:

**Metodu A**

Kull Stat Membru jaħdem l-ammont ta' pensjoni għal irtirar li hu dovut lilu, ibbażat fuq kemm wieħed ikun ħallas kontribuzzjonijiet jew assigurazzjoni fl-iskema tas-sigurtà soċjali ta' dak l-IStat Membru biss.

**Metodu B**

Kull Stat Membru jgħodd flimkien l-assigurazzjonijiet kollha li wieħed ikollu fl-IStati Membri kollha. Imbagħad, kull wieħed minnhom jikkalkula kemm hu l-ammont ta' pensjoni għall-irtirar dovuti lilu kieku l-kontribuzzjonijiet jew l-assigurazzjonijiet kollhom jitħallsu fl-iskema tas-sigurtà soċjali ta' dak l-IStat Membru partikolari biss. Din tissejjaħ ir-rata teoretika.

Iżda kull Stat Membru jħallas biss parti minn din ir-rata. Kemm iħallas jiddependi minn kemm wieħed ikun ħallas fl-iskema. Bħala eżempju, jekk terz tal-assigurazzjoni li ħallas tkun f'Malta, allura Malta tikkalkula dak li hu dovut lilu f'pensjoni bħala terz tar-rata teoretika Maltija. Din tissejjaħ pensjoni pro-rata. Mela jekk ngħidu aħna l-pensjoni teoritika kif spjegajt fuq tirriżulta għal €90 fil-ġimgħa, il-pensjoni pro-rata li tħallas Malta tkun €30 fil-ġimgħa. Il-pajjiżi l-oħrajn kollha mbgħad, fejn wieħed ikun ħadem u/jew kien assigurat fl-iskemi tal-IStat, jaħdmu kalkolu fuq l-istess bażi. Dan ifisser li wieħed jista' jirċievi mingħand kull Stat Membru fejn kien assigurat jew l-ammont ikkalkulat taħt Metodu A jew inkella taħt Metodu B, skont liema miż-żewġ ammonti jkun l-ogħla.

## Kif issir applikazzjoni?

Biex wieħed japplika għall-pensjoni, dan irid jagħmlu jew fl-IStat li fih ikun qed jgħix jew fl-IStat li fih ikun ħadem l-aħħar. L-istituzzjoni li lilha jissottometti it-talba tissejjaħ l-Istituzzjoni tal-Kuntatt. L-Istituzzjoni tal-Kuntatt tibgħat it-talba tiegħu lill-IStati Membri l-oħrajn kollha li fihom ikun ħadem u jibda l-proċess imsemmi fuq.

Jekk kont assigurat f'Malta, u preżentement qed tgħix f'Malta, normalment tirċievi l-applikazzjoni għall-pensjoni għall-irtirar madwar erba' xhur qabel. Il-formola tiġi mistoqsi fost oħrajn dwar kull perijodu ta' residenza fi Stati Membri oħrajn tal-UE u dwar kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li stajt ħallast meta

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika mhix intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunkwe benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika hu purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.socialsecurity.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella ċċempel fuq in-numru 159 jew 25903000.*

# (2)



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

kont tgħix hemm.

Kull Stat Membru jiddeċiedi hu kif se jħallsek il-pensjoni. Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar dan, tista' tagħmel kuntatt mal-awtoritajiet li jimmaniġġjaw l-iskema tal-pensjoni għall-irtirar f'dak l-IStat Membru. Żomm f'rasek ukoll li kull Stat Membru għandu sistema differenti, inkluż l-età tal-irtirar. Il-fatt li tkun ilħaqt l-età tal-irtirar f'Malta ma jfissirx li għandek dritt għall-pensjoni minn Stat Membru ieħor ukoll jekk tkun għadek ma lħaqtx l-età tal-irtirar hemmhekk ukoll.

Meta wieħed ma jkunx jgħix Malta iżda għandu dritt għall-pensjoni minn Malta, jista' jirċievi l-istess ammont bħal dak li kieku jirċievi f'Malta iżda fil-munita tal-IStat li fih tkun jgħix. Normalment, il-ħlas tiegħu jiddaħħal direttament fil-kont bankarju tiegħu f'Malta jew fil-kont tal-bank li jkollu barra minn Malta, jew jitħallas mill-Ambaxxata Maltija tal-IStat fejn ikun joqgħod.

## Pensjoni tal-Invalidità

Jekk wieħed ikun ħallas il-kontribuzzjonijiet f'Malta biss, jista' jirċievi l-pensjoni għall-invalidità tiegħu kull fejn ikun qed jgħix jew joqgħod fl-UE sakemm jissodisfa r-regoli u jibqa' nkapaċi għax-xogħol. Normalment, jekk ikun assigurat f'Malta u fi Stat Membru ieħor, huwa jista' jirċievi pensjoni għall-invalidità miż-żewġ Stati jekk jissodisfa r-regoli, inkluż l-evalwazzjoni medika, fiż-żewġ pajjiżi. Din il-pensjoni tiġi kkalkulata fuq l-istess bażi kif imfisser aktar 'il fuq fir-rigward tal-pensjoni għall-irtirar. Jiġifieri, kull Stat jista' jħallas jew pensjoni għall-invalidità proporzjonalment skont it-tul ta' żmien li tkun fih ikun għix f'dak il-pajjiż, inkella pensjoni direttament taħt ir-regoli nazzjonali ta' dak l-IStat Membru biss, skont minn min mit-tnejn tkun l-ogħla.

## Pensjoni tar-Romol

Meta jmut il-konjugi (kemm ir-raġel u kemm il-mara) ta' xi ħadd li jkun qed jgħix fi Stat Membru iżda l-konjugi (li jmut) ikun assigurat fi Stat Membru ieħor, il-konjugi l-ħaj jista' japplika għall-pensjoni tar-romol kemm fi Stat kif ukoll f'ieħor. Jekk japplika fl-IStat Membru li jkun residenti fih, l-awtoritajiet ta' dan l-IStat jgħaddu d-dettalji dwar it-talba tiegħu lil kwalunkwe Stat Membru ieħor fejn hu, jew żewġha/martu, kienu assigurati.

Il-pensjoni tar-romol minn Malta titħallas fi Stat Membru ieħor bl-istess rata daqs li kieku l-applikant ikun joqgħod f'Malta. Bl-istess mod, jekk ikollu id-dritt li jirċievi l-pensjoni minn Stat Membru ieħor, hu jirċievi l-istess rata f'Malta daqs dik li biha kien jitħallas kieku kien residenti f'dak l-IStat Membru.

Jekk il-konjugi l-mejjet ma jkunx ħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biżżejjed f'Malta biex ikun possibbli li titħallas pensjoni tar-romol minn Malta, l-awtoritajiet ikkonċernati jużaw il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali barranin bl-istess mod bħalma jintużaw il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' persuna fil-każ tal-pensjoni għall-irtirar kif spjegajt aktar qabel. L-istess jagħmlu l-IStati Membri l-oħrajn fejn il-konjugi l-mejjet seta' kien assigurat.

## Benefiċċji tal-Familja

Il-benefiċċji tal-familja jeżistu taħt il-leġiżlazzjoni tal-IStati Membri kollha, iżda l-kundizzjonijiet tad-dritt u l-ammonti tal-benefiċċji jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor. F'Malta, il-Benefiċċju tat-Tfal (Children's Allowance) hu kklassifikat bħala benefiċċju tal-familja għall-fini tar-regolamenti tal-UE fuq imsemmija.

Bħala regola ġenerali, l-IStat Membru fejn wieħed ikun qed jaħdem, iħallas il-benefiċċji tal-familja hu iżda l-IStat fejn ikunu qegħdin jgħixu t-tfal (jekk ma jkunux fl-istess Stat) jista' wkoll iħallas xi differenza biex il-benefiċċju jinġieb għal-livell li fih ikun il-benefiċċju fl-IStat fejn wieħed ikun qed jaħdem.

Dan japplika jekk il-benefiċċju tal-familja fl-IStat fejn it-tfal ikunu qed jgħixu ikun ogħla mill-benefiċċju mħallas fl-IStat fejn il-ġenitur ikun qed jaħdem.

Jekk wieħed ikun residenti f'Malta jew fi Stat Membru ieħor u jkun impjegat jew jaħdem għal rasu u jħallas il-kontribuzzjonijiet fl-iskema Maltija, jew jekk ikun qed jirċievi minn Malta l-benefiċċju tal-qgħad, il-benefiċċju tal-mard, il-pensjoni għall-invalidità, il-pensjoni għal irtirar, il-pensjoni għal romol jew il-benefiċċju għal korriment fuq ix-xogħol, dan jista' jkun intitolat għall-allowance tat-tfal, anke jekk dawn ikunu jgħixu fi Stat Membru ieħor.

Iżda jekk wieħed ikun residenti fi Stat Membru ieħor u jkun impjegat jew jaħdem għal rasu u assigurat fl-iskema ta' dak l-IStat, jew jekk ikun qed jirċievi il-benefiċċji msemmija fil-paragrafu ta' fuq, dan ikun jista' jkun intitolat għal benefiċċju tat-tfal minn dak l-IStat Membru, anke jekk it-tfal ikunu residenti f'Malta.

## Benefiċċju mħallas minn żewġ Stati Membri differenti

Jista' jkun possibbli wkoll li żewġ ġenituri jirċievu benefiċċji tal-familja minn żewġ Stati Membri differenti għall-istess ulied. Meta jiġri hekk, iż-żewġ pajjiżi kkonċernati ma jħallsux il-benefiċċju rispettiv kollu.

Normalment iħallas dak l-IStat Membru li fih wieħed jew waħda minnhom ikun qed jaħdem u jħallas l-kontribuzzjonijiet fl-iskema tas-sigurtà soċjali.

Iżda jekk iż-żewġ ġenituri ikunu qed jaħdmu f'pajjiżi differenti u jħallsu l-kontribuzzjonijiet fl-iskema tas-sigurtà soċjali ta' żewġ Stati Membri differenti, l-IStat Membru fejn it-tfal ikunu residenti ikun l-IStat li normalment iħallas il-benefiċċju. L-IStat Membru l-ieħor iżda jħallas suppliment, ukoll jekk il-benefiċċju f'dan l-IStat ikun ta' ammont ogħla minn tal-IStat l-ieħor.

Min ikun jeħtieġ aktar tagħrif dwar dan kollu, li nammetti li mhux faċli biex wieħed jifhmu malajr, jista' jikkuntattja lit-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fuq 25903240 jew iru.dss@gov.mt

## Grazzi kbira

B'hekk niġi fit-tmiem ta' din il-paġna li għal dawn l-aħħar sena u nofs serviet biex twassal tagħrif dwar diversi materji li jolqtu s-sigurtà soċjali, mhux l-inqas il-benefiċċji soċjali li jitħallsu taħt l-iskema Maltija.

Inħossni fid-dmir li nirringrazzja lil diversi nies, fosthom lill-Editur ta' **l-orizzont** li offrieli din l-opportunità, lil dawk kollha li għenuni direttament jew indirettament fit-tħejjija u l-kitba tat-30 artiklu li ktibt u l-aħħar iżda mhux l-inqas lill-qarrejja kollha li naf li huma ħafna li jsegwu din il-paġna.

Nittama li f'dawn l-aħħar sena u nofs irnexxieli nilħaq l-għan tiegħi li kemm bit-tagħrif li wassalt permezz ta' din il-paġna kif ukoll bis-saħħa tal-mistoqsijiet li minn żmien għal żmien irċevejt mill-qarrejja u weġibt fil-paġna, nitfa' aktar dawl u nżid l-għarfien taċ-ċittadini tagħna fuq is-sistema tagħna tas-sigurtà soċjali.